# IL-WIRT STORIKU TAL-MARSA

Il-Marsa isimha magħha - kelma mlissna mill-ilsien Għarbi li tfisser port jew daħla kennija fil-baħar. Il-Marsa hija belt fuq ix-xaqliba ta' Nofsinhar il-Lvant ta' Malta b'popolazzjoni ta' ftit aktar minn 4,000 ruħ imqassmin bejn żewġ parroċċi.

Ġeografikament il-Marsa hija l-parti baxxa fin-naħa ta' ġewwa tal-Port il-Kbir fejn jisporġu għadd ta' widien min-naħat għoljin ta' Malta fosthom ir-Rabat, is-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ. Il-widien prinċipali li jferrgħu għal ġol-wita Marsija huma Wied il-Kbir u Wied is-Sewda.

Il-Marsa tal-lum hija magħrufa primarjament għall-port attiv u għaż-żoni industrijali kbar u ta' importanza għall-ekonomija Maltija. Iżda ftit jobsru li moħbijin taħt is-saffi ta' tarmak u konkos jeżistu (jew għall-inqas darba kienu jeżistu) sisien li xeħtu dawl ġdid fuq il-Marsa bħala żona li ilha abitata sa minn eluf ta' snin ilu.



F'perjodi differenti nstabu fdalijiet ta' żmien il-Feniċi u r-Rumani; ġew skavati wkoll fdalijiet Puniċi kif ukoll Griegi. Mhux bogħod mix-xatt, lura fl-1860 kienu nstabu oqbra bi fdalijiet ta' oġġetti tal-fuħħar fihom.

Sena wara din is-sejba kien inkixef qabar ta' żmien il-Feniċi. Fattur interessanti ħafna dwar din is-sejba kien li l-iskeletru tal-persuna li kienet indifnet fih baqa' ppreservat tajjeb ħafna; xi ħaġa rari ħafna meta tqis li s-sejba tgħodd eluf ta' snin.
Sejba li qajmet interess kbir kienet dik tal-1874 meta fi Triq il-Ġiżwiti inkixef katakombi Ruman magħmul minn 43 kamra tad-dfin imħaffrin fil-blat. Instabet ukoll lapida bid-data tal-ħames seklu wara Kristu minquxa fuqha. Ta' min jgħid li dil-lapida u fdalijiet oħrajn mill-istess sejba kienu ttieħdu għall-wiri fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, il-Belt.

It-miem is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20 raw il-bidu tal-industrijalizzazzjoni progressiva fil-Marsa. Dal-iżvilupp ġab kummerċ kbir fid-daħla ta' ġewwa tal-port u l-għajta kienet li min ried jaqla' lira, il-Marsa kienet il-post għalih. Kien għalhekk li ħafna familji Ħamruniżi, Furjaniżi, Qriema, Żrieraq, Siġġiwin u saħansitra Għawdxin (biex insemmi ftit mill-postijiet imnejn oriġinaw il-Marsin) qabdu ħwejjiġhom u rħewla lejn ix-Xatt fejn kien hemm xogħol kemm trid u kemm tiflaħ tagħmel.

Ġaladarba dawn il-familji għamlu l-Marsa darhom beda jiżdied il-bżonn għall-bini ta' abitazzjonijiet peress li sa dak iż-żmien ftit li xejn kienu jeżistu djar. Kien għalhekk li t-tħaffir għall-pedamenti ta' djar ġodda kixef għadd ġmielu ta' sejbiet storiċi.

Fil-bidu tas-snin 30 (1933) instab qabar maħsub ta' żmien il-Feniċi b'għadam u fdalijiet tal-fuħħar ġo fih waqt skavar għall-pedament fi Triq San Mikiel. Bħal din is-sejba nstabu oħrajn fl-1939 ġo Triq it-Tiġrija u fl-1947 viċin il-Biċċerija.

Fl-1956, tħaffir fi Triq l-Istalel kixef il-pedamenti ta' dawk li fil-qedem kienu mħażen li setgħu servew ukoll bħala postijiet ta' kenn għax-xwieni waqt il-maltemp. Fuq parti mis-sit fejn kien hemm il-Power Station fl-1968 instabu aktar oqbra Puniċi.

L-aktar sejba riċenti kienet f'Ġunju tal-1993 meta fuq medda ta' art qrib il-Power Station, diġà magħrufa bħala Tal-Qbajjar minħabba sejbiet oħrajn, inkixfu fdalijiet ta' binja fl-għamla ta' apside b'osswarju magħha li esperti mid-Dipartiment ta' Mużewijiet ikkonkludew li tmur lura għall-Medjuevu.

Forsi l-akbar teżor prezzjuż li kellha l-Marsa kienet bla dubju ta' xejn Villa San Giacomo, mibnija minn Ġan Franġisk Abela, l-ewwel kittieb tal-istorja ta' Malta. Il-Kommendatur Abela, li kien inħatar Viċi Kanċellier tal-Ordni ta' San Ġwann fil-bidu tas-seklu 17, bena din il-villa fuq l-Għolja tal-Ġiżwiti, fejn sa ftit ilu kien hemm l-impjant tal-Power Station.

Villa San Giacomo nbniet fuq medda kbira ta' art u kienet imdawra b'ġonna bil-funtani u bl-istatwi tal-irħam. Kien post għall-kwiet li jpaxxi l-għajn bil-ġmiel arkitettoniku u naturali tiegħu. L-iskop ta' Ġan Franġisk Abela kien li wara karriera diplomatika brillanti fi ħdan l-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta, seta' jirtira fil-villa tiegħu ġewwa l-Marsa u jiddedika l-kumplament ta' ħajtu għar-riċerka u l-kitba dwar l-istorja tal-gżejjer Maltin.

Kien f'dil-villa, madwar l-1647, li l-Kommendatur Abela kiteb l-aqwa biċċa xogħol letterarja tiegħu bl-isem *Descriptione di Malta, Isola nel Mare Siciliano e Adriatico con le sue Antichita' e altre Notizie in 4 Volumi*; erba' volumi mimlijin kitba riċerkata, tagħrif u storja dwar Malta u l-bliet prinċipali tagħha kif ukoll ċiviltajiet barranin li ħakmuha, il-Knisja f'Malta u familji antiki li nisslu nies prominenti sa żmienu.

Dil-opra ta' Ġan Franġisk Abela hija l-ewwel letteratura magħrufa dwar Malta u l-istorja tagħha li qatt saret. Barra minn hekk, huwa kellu kollezzjoni mdaqqsa u ta' valur ta' kull tip ta' oġġetti antiki misjubin fil-gżejjer Maltin. Il-Kommendatur Abela miet fl-4 ta' Mejju 1655 u kif xtaq hu wara mewtu l-villa u kull ma' kien jinsab fiha għaddiet għand il-patrijiet Ġiżwiti. Minn hemm bdiet tissejjaħ La Villa dei Gesuiti.

Hija ħasra kbira li maż-żmien dil-villa ġiet abbandunata u ħafna mill-kollezzjoni ta' antikitajiet li kien fiha għebu hlief għal xi ftit oġġetti li llum huma esibiti fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija.

Illum il-ġurnata ma għadu jeżisti xejn mill-villa ta' Ġan Franġisk Abela bħalma għadu jeżisti xejn mill-ħafna sejbiet storiċi li xi darba, ħafna snin ilu, kienu jagħmlu parti mill-ħajja ta' kuljum ġol-Marsa tal-qedem.